**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar il-Hamis, 1 ta' Lulju 2021;</u>**

**<u>Rikors nru: 213/21 AGV ;</u>**

**Ab**

**Vs**

**cb**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' ab** datat 27 ta' Mejju, 2021, fejn esponiet bir-rispett;

1. Illi l-partijiet izzewwgu fil-31 ta' Marzu tas-sena 1997, gewwa Birkirkara, hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg immarkat Dok A;

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, tnejn minnhom minorenni;

3. Illi l-partijiet huma separati legalment permezz ta’ kuntratt redatt min-Nutar Joseph Debono, fis-16 ta’ Gunnu tas-sena 2013 – Dok B;

4. Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom, stante li ilhom separati legalment ‘il fuq minn seba’ (7) snin. Inoltre, illum ghandhom hajja totalment sperata minn xulxin;

5. Illi m’hemm l-ebda kwistjoni ta’ manteniment vis-à-vis il-partijiet stante li huma kienu rrinunzjaw reciprokament ghal dan id-dritt, skont klawzola 4 tal-anness kuntratt tas-separazzjoni. Il-manteniment tal-minuri jithallas mill-konvenut skont it-termini tal-kuntratt;

6. Illi dawn il-fattu fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti, sabiex:

Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

Tordna lir-Registratur tal-Qorti, sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li fis-seduta tal-1 ta’ Lulju 2021, l-intimat ma oggezzjonax ghad-divorzju, u ghalhekk il-Qorti sethget tghaddi ghas-sentenza.

**DECIDE:**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

| | |
|---|---|
| **Onor. Anthony G. Vella** | **Cettina Gauci** |
| **Imhallef** | **Dep. Reg.** |